

# Il-konnessjoni tiegħi mal-Qrendi

## Il-memorji u t-tifkiriet



**L-aneddoti mill-artist Paolo Camilleri Cauchi**

Minn mindu kont għadni ta' età żgħira, kont diġà smajt bir-raħal ħelu tal-Qrendi. Meta fl-1950 il-Papa Piju XII iddikjara d-Domma tal-Fidi tal-Assunzjoni tal-Madonna, xi rħula Maltin li huma ddedikati lill-Assunta, ikkummissjonaw għand missieri Wistin, l-istatwa tal-Papa tal-Assunta (Piju XII), fosthom il-Qrendi. Niftakar li wara l-gwerra kien jiġi hawn Għawdex raġel anzjan, daqsxejn qsajjar u bil-leħja qasira, kont nisthajlu San Pietru. Dejjem kien jittawwal lil missieri, u minħabba l-vara tal-Papa kien jiġi iktar u anke ġieli kien iwassallu xi statwa żgħira lejn Malta. Dan kellu l-lampik tal-ilma żahar u kien jiġi jbigħ hawn Għawdex. Dan kien bil-laqam ta' *Portieros*. Għalkemm ġie kemm-il darba waħdu, xi drabi ġab xi tfal miegħu. Kien qisu San Filippu Neri u fost it-tfal ġieli ġab lil Dun Manwel Agius, illum Professur tal-Fakultà tat-Teoloġija fl-Università ta' Malta. Ħabib kbir ta' missieri wkoll kien Dun Mattew Magro li studja fis-Seminarju t'Għawdex u bħal ħafna studenti Maltin li studjaw Għawdex min jaf kemm marru ħdejn missieri li ma tantx kien joqgħod bogħod mis-Seminarju Veskovili. Missieri kien ħadem ukoll l-appostolat li jintrama barra fil-festa ta' Santa Marija u anke l-anġli ta' mal-pavaljun (mant) tal-Madonna ta' Lourdes.

Ġara li fl-1960 jiena kont ġejt appuntat bħala għalliem tal-arti fl-iskejjel governattivi mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni. Kont ngħallem f'sitt irħula f'Malta u nhar ta' Tlieta kienet il-ġurnata ddedikata għall-iskola tal-Qrendi. Niftakar li meta ġejt l-ewwel darba kien għadu kif spiċċa minn għalliem fl-istess skola Dun Salvin Fenech, Furjaniż li wara sar ukoll Monsinjur kif ukoll kien laħaq kappillan tal-Qrendi stess. Għamilt żmien mhux ħażin il-Qrendi u sirt naf ħafna familji. L-istudenti li kont ngħallem illum huma nanniet ukoll.

Fost l-għalliema ta' dak iż-żmien, niftakar lis-surmast Joe Micallef Grimaud, Paul Sultana, Godfrey Testa, Henry Calleja, Anton Cilia, is-Sa Bonnici, is-Sa Schembri, is-Sa Cassar, is-Sa Scicluna, is-Sa Sultana, is-Sa Ciangura u s-Sa Dingli, fost ħafna oħrajn. Wieħed mill-aneddoti li niftakar kien li waqt waħda mil-lezzjonijiet, kont qed nuri lit-tfal kif jiddisinjaw tuffieħa bħala *object drawing*. Wieħed mit-tfal daqsxejn *smart* qalli "Ma nibdewx sir!" u jiena għidtlu "Biex tajtek fastidju?", qalli "mela ma tafx min jiena!" u xħin staqsejtu min hu, qalli li "Adam" u jien b'sens umoristiku staqsejtu fejn ħalla lil Eva. Pront qalli li qiegħda f'tas-Sir Dingli. Jiena ma kontx naf li kellu oħtu tewmija u kien jisimhom Adam u Eva. Għandi ħafna memorji sbieħ ta' dawk iż-żminijiet tal-Qrendi fis-snin 60.

Fl-iskola ġieli kienu jsiru tournaments tal-futbol bejn l-iskejjel. Meta ġieli ltaqgħu l-iskejjel tal-Qrendi ma' tal-Imqabba, u peress li anke kont ngħallem fl-iskola tal-Imqabba, xi drabi minħabba nuqqas ta' membri fl-istaff, kien ikolli nilgħab fuq in-naħa tal-Imqabba. L-iskola kienet għadha kif inbniet u kellha palk u sala, u għalhekk setgħu jsiru attivitajiet soċjali speċjalment fi żmien il-Milied. L-għalliema li kien hemm kienu tim tajjeb u kreattiv. Is-surmast kien artist, abbli u maħbub għas-sentimenti tiegħu, sew mal-istaff u iktar u iktar mal-ġenituri. Konna qisna familja waħda rispettabbli.

Meta fl-1969 kont ġejt ikkummissjonat biex inpinġi n-navi tal-knisja parrokkjali ta' Ħaż-Żebbuġ, iltqajt mal-Viċi Arċipriet Dun Karm Attard. Kien hu li ġie mqabbad mill-Arċipriet ta' dak iż-żmien, illum Mons. L. Cachia biex jispjegali s-suġġetti għall-pittura. Dan Dun Karm Attard, illum Kanonku, u li kien laħaq kappillan tal-Qrendi wara Dun Salvin Fenech, hu bniedem serju, sinċier u ta' kumpanija ħelwa, iżda fuq kollox hu studjuż kbir tal-Bibbja u l-istorja tal-knisja, konferenzier u saċerdot eżemplari.

Kif kien għadu jilħaq kappillan, Dun Karm mal-ewwel ħa ħsieb jara li l-parroċċa jkollha kollox f'postu. Ra wkoll li l-knisja kellha bżonn ħafna manutenzjoni speċjalment fis-sistema tal-elettriku kif ukoll żebgħa mill-ġdid, fost affarjiet oħra.

Ra għalhekk li kif il-knisja tkun armata bl-armar tal-iscaffolding ħaseb biex tiġi ddekorata wkoll. Avviċinani biex niddiskutu. Uħud min-nies li kienu madwar il-kappillan, kont diġà midħla tagħhom, fosthom Dun Mattew Magro, Dwardu Borg, li kont nafu qabel bħala mastrudaxxa, u kien hemm ukoll miegħu ċertu wieħed Guido Bezzina.

Warajh ġie Gianni Borg, ħu Dwardu, u li konna nsibuh bħala s-Sur. Niftakar ukoll lis-Sur Reno Axiaq li kien mill-Qrendi imma joqgħod Ħal Luqa u anke l-pustier Ninu Bezzina fost ħafna oħrajn.

Meta ġejna biex nibdew, xtaqu li nirranġa lil San Pietru u San Pawl fil-pilastri. Dawn kienu pitturi xogħol ta' Giuseppe Calleja iżda fil-passat dawn kienu diġà żebgħu fuqhom. Peress li kienu pinġuti biż-żejt fuq il-

ġebla u anke minħabba l-materjal li ntuża fuqhom meta ġew irtukkjati, dawn ma setgħux jiġu fl-istat oriġinali tagħhom u allura ddeċidew li jsiru ġodda. Mhux hekk ġara fil-pittura tal-pilastri opposti, fejn hemm il-Fidi u l-anġlu ta' fuq il-pulptu. Dawn ma kinux imbagħbsa u allura stajt nagħtihom il-valur li jistħoqqilhom. Wara dawn għaddejna għall-kwadru tal-Konvoj peress li kien għeluq it-tletin sena mill-wasla tal-Konvoj f'Malta. Dak iż-żmien kien ħabat ukoll l-anniversarju tal-ordinazzjoni ta' Dun Mattew. Il-ħsieb kien li jħallsu l-kappillan Dun Karm Attard iżda Dun Mattew xtaq iħallsu hu. U hekk sar. Wara komplejna bil-kwadri ta' taħt il-Konvoj, liema gwarniċi saru minn ħija Alfred, li diġà kien għamel xogħol fil-knisja fi żmien il-kappillan Fenech.

Ġie deċiż mill-kappillan u l-presbiteru tiegħu li jitkompla x-xogħol tal-pittura u d-dekorazzjoni u li jibdew mill-koppla prinċipali. Ġejt avviċinat għall-pittura flimkien ma' ħija Alfred li ġie avviċinat għall-iskultura. Il-flieli tal-koppla kienu vojta, mhux kif semma Dun Giuseppe Calleja mill-Imsida fil-ktieb tiegħu fuq il-pittur G. Calleja.



Ritratt storiku juri lil Emanuel Cutajar, partitarju tas-Soċjetà Santa Marija, bħala l-benefattur ewlieni tal-pittura tan-Nativitā flimkien mal-Kappillan Dun Karm Attard, Dwardu Borg u l-artist Paolo Camilleri Cauchi fl-istudjow tiegħu fil-belt Victoria Għawdex fl-1985

Għamilt xi bozzetti u bdejt u komplejt ix-xogħol u b'hekk il-koppla bl-għajnuna t'Alla ġiet inawgurata ftit qabel il-Milied tal-1976. Minn hemm komplejt il-*pennacchi* u wasalna għad-dekorazzjoni tal-kor. Kien żmien sabiħ fejn waqt id-diskussjonijiet kont nitgħallem ħafna. Meta ġejt għall-pittura u ħija Alfred għamel il-forom u t-tqassim tal-kwadri, kien hemm miegħu Anġlu Agius li kien aljiev ma' ħija u fejn wara kompla x-xogħol hu. Jien kelli viżjoni li għalkemm nimxi tradizzjonalment bħal knejjes oħra, rajt li biex is-suġġett tan-nofs jinqala' aktar, il-pendenti ta' madwar il-kwadru ċentrali nagħmilhom monokromatiċi.

L-ewwel li tlestiet kienet il-volta tal-kor. L-armar resaq għall-kappellun tar-Rużarju fejn hemm saret il-pittura ta' dan il-kappellun. Dan sar fl-1981. Hekk ġara l-istess fuq il-kappellun tal-Agunija fejn tlestiet il-pittura fl-1982. Minn hawn inbeda x-xogħol fuq il-korsija bejn l-1983 u l-1985.

Il-kappillan Dun Karm għamel studju speċjali fuq it-temi li se jsiru għas-saqaf kollu. Bħala temi mxejna b'lura fis-snin u għalhekk fil-kor għamilna t-Tlugħ fis-Sema u l-Inkurunazzjoni tal-Madonna. F'tar-Rużarju għamilna l-Inżul tal-Ispirtu s-Santu fuq l-Appostli, fuq tal-Agunija għamilna l-Addolorata u fil-korsija, it-Tieġ ta' Kana, is-Sejbien ta' Ġesù fit-Tempju u t-Twelid ta' Sidna Ġesù Kristu. Mat-tieqa prinċipali fil-faċċata hemm it-Tħabbira tal-Anġlu li kienet tħallset minn Dun Karm u l-Viżitazzjoni li tħallset minn Dwardu Borg li kien President Onorarju tas-Soċjetà Santa Marija.



Il-koppla tal-knisja tal-Qrendi qabel ma ġiet impittra. Ritratt li ttieħed biex il-pittur jieħu idea kif se jpitter il-koppla

Bħala pendenti hemm profeti u mat-twieqi hemm anġli bis-simboli. U hekk għall-grazzja t'Alla u tal-Madonna ġiet kompluta d-dekorazzjoni fil-knisja. Peress li ma kienx hemm mnejn titla' min-naħa ta' barra, kien ikollna dejjem nitilgħu mas-slielem. Dan kien ifisser ċerta tbatija u sogru li meta tkun żgħir ma tagħtix kasu, mhux bħal-lum. Bħala xogħol, niftakar ukoll li fi żmien Pinu Axiaq kont irrestawrajt u naddaft il-kwardu devot tal-Madonna ta' Lourdes. F'nofs is-snin 80 kont ukoll għamilt sitt pitturi li jirrappreżentaw lill-Papiet għall-bandalori li jintramaw fil-festa ta' Santa Marija. Fl-istess żmien tal-Kappillan Attard kont


L-artist Paolo Camilleri Cauchi fl-istudjow tiegħu mal-pittura tan-Nativitá

irrestawrajt ukoll xi kwadri importanti fil-knisja tal-Madonna tal-Ħniena. Illum, wara dawn is-snin kollha, hu kemmxejn diffiċli li niftakar kollox, però niftakar ukoll li lil Dwardu kont għamiltlu disinn fuq talba tiegħu għall-bandalora rrakkmata għall-każin tal-banda Santa Marija. Għalkemm ma saritx fi żmienu, saret wara xi żmien bi ftit tibdil mill-oriġinal tiegħi.

Ir-rispett bejni u bejn il-Kappillan Emeritus Dun Karm ma naqas qatt. Nikkomunikaw spiss ma' xulxin u għadni sal-lum nirreferi għandu dwar xi diffikultajiet li niltaqa' magħhom għal kjarifiki min-naħa tiegħu. Ma nixba' qatt nisimgħu jispjega bil-mod impekkabbli kif jaf hu. Jispjegalek biex ngħid hekk bl-imgħarfa. Napprezza u nieħu gost meta niltaqa' ma' xi wħud li għadhom jiftakruni u anke ma' oħrajn li jġibuli nostalġija ta' dak iż-żmien li kelli konnessjoni mal-Qrendi speċjalment fejn nara li r-rispett qatt ma naqas.


# Carabott Jewellers

*For Crystal,*
*Gold and Silver items*

Dun Ġużepp Zammit Street,
Żurrieq, Malta
Tel: 2168 0760